# QORTI ĊIVILI PRIM’AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta’ nhar it-Tnejn,10 ta’ Jannar, 2022**

**Numru 5**

**Rikors Numru 234/18TA**

**Christopher Jeremy Pace, Karta ta’ l-Identita’ Numru 543765 (M)**

**vs**

**Avukat Dr. Joseph Ellis u Prokuratur Legali Luisa Tufigno li b’digriet tal-11 ta’ Ġunju 2018 ġew nominati bħala kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lis-soċjeta’ M.M.C. Limited, C 3462, illum struck off mir-Reġistru tal-Kumpaniji, U, għal kull interess li jista’ jkollha, Kiki Investments Limited, C 12077 illum struck off mir-Reġistru tal-Kumpaniji u b’digriet tas-27 ta’ Ottubru, 2020 ġew kjamati in kawża Med Dental Ltd, Philip Andrew Ransley, Vermar Investments Ltd, Henry u Anita Copperstone, W & J Coppini and Company, Jacob & Hendrika Slotboom, Ernest Grech, J.M. Investments Ltd, Mayflower Ltd, Ghajn Rihana Limited, T.R. Properties Limited, Anne Constance Roberts, A.M. Holdings Ltd, William Cobbett Estates Ltd u E. Tabone & Co. Real Estate Limited.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-Attur tat-30 ta’ Ottubru 2020.

Rat l-atti kollha tal-Kawża.

Rat li ir-rikors tħalla għal-lum għall-provvediment.

**Konsiderazzjonijiet**

Il-Qorti tibda biex tirrileva li għalkemm huwa minnu li l-Kawża ma ġietx diretta kontra t-terzi kjamati, huwa ċar daqs il-kristall li dak li qed jintalab, tkun xi tkun is-Sentenza finali, ser ikun qed jaffettwa l-interessi ta' terzi li fil-fehma ta' din il-Qorti għandhom kull dritt li jiddefendu lilhom infushom kontra t-talbiet **f'kull stadju tal-Kawża**. Dan tant huwa minnu, li l-ewwel talba tolqothom direttament tant li saħansitra jissemmew, għalkemm mhux bl-isem individwali tagħhom.

Jista' jkun li huwa minnu li minħabba l-kwantita' ta' terzi ma kienx spedjenti **għall-Attur**, anke minħabba spejjes, li jindirizza l-azzjoni tiegħu kontra dawn it-terzi. Iżda dan il-kriterju ma japplikax għall-aħjar amministrazzjoni tal-Ġustizzja. L-Attur qiegħed aprijoristikament jifhem, li l-eċċezzjoni dwar jekk il-kumpaniji konvenuti għandhomx il-fakulta' li joqgħodu fil-ġudizzju ser tintlaqa' bil-fors. Dan ikun magħruf biss meta tingħata s-Sentenza. Di piu' l-interess ta' dawn it-terzi huwa proċeduralment meħtieġ mhux biss f'xi stadju partikolari tal-*iter* proċesswali, iżda fl-intier kollu tiegħu għaliex dak li għandha quddiemha din il-Qorti hija Kawża waħda.

Iżda fuq kollox, din il-Qorti kif presjeduta diġa' kellha opportunita' li tippronunzja ruħha fuq dan il-punt proċedurali u qalet hekk:

*"… il-Qorti ħasbet fit-tul dwar it-talba li qed issirilha mill-Atturi. Eżaminat b'reqqa dak li jiddisponi artikolu 229 dwar appelli minn digriet li jingħataw*

*fil-perkors ta' Kawża. Minn dan l-artikolu jirrisulta li l-liġi taħseb għal tlett kategoriji ta' appelli minn digrieti:*

*Digrieti li minnhom ma jistax isir appell jekk mhux mas-Sentenza definittiva (ara artikolu 229(1)).*

*Digrieti li minnhom jista' jsir appell qabel is-Sentenza definitiva, dejjem bil-permess tal-Qorti (ara artikolu 229(2)).*

*Digrieti mhux speċifikament imsemmija fl-ewwel żewġ kategoriji, li minnhom jista' jsir appell dejjem bil-permess tal-Qorti (ara artikolu 229(3)).*

*Fir-rikors tagħhom, l-Atturi jgħidu li l-permess li qed jitolbu biex ikunu jistgħu jappellaw mid-digriet fuq imsemmmi, qiegħed isir abbażi tal-artikolu 229(3) u ċioe' wieħed mix-xorta tat-tielet kategorija fuq imsemmija.*

*Huwa mifhum li l-proċedura hija ta' ordni pubbliku (**ara Vol XLIX pl p.421 u Sentenza tal-Qorti tal-Appell Per Imħallef Philip Sciberras fl-ismijiet Veronique Amato Gauci et -vs- Marco Zammit et tad-19 ta' Mejju 2004**). Il-Qorti qed tagħmel din l-osservazzjoni wara li eżaminat sewwa dak li partikularment jiddisponi l-artiklolu 229(2)(c) u ċioe', it-tieni kategorija ta' digrieti fuq imsemmija. F'dan il-każ ir-referenza hija speċifikament għal digrieti **li jiċħdu s-sejħa fil-kawża** skont l-artikolu 961 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta u **mhux li jilqgħu tali sejħa.***

*Id-digriet li qed tfittex tappella minnu l-Attriċi, huwa dak il-kuntrarju għal dak previst f'artikolu 229(2)(c). F'dan il-każ it-talba għall-kjamat in kawża ġiet milqugħa. B'dana kollu, l-Attriċi bħal donnha qed targumenta li dan ix-xorta ta' digriet, ċioe' fejn tintlaqa' t-talba, jaqa' taħt it-tielet kategorija ta' digrieti previsti mill-artikolu 229(3). Bir-rispett kollu l-Qorti ma taqbel xejn ma dan. Li l-leġislatur ried li jkun hemm il-possibilta' ta' appell mix-xorta ta' digrieti bħal dawn, ma kienx jillimita l-possibilita' ta' appell minn digriet qabel is-Sentenza finali għaċ-ċaħda għal kjamata biss. Ubi lex voluit dixit et ubi lex non disguit ne debemeus distinguire. Għalhekk, huwa ċar li d-digriet tal-akkoljiment tat-talba għas-sejħa fil-kawża ta' terz, żgur ma jaqax fit-tielet kategorija ta' digrieti għax altrimenti artikolu 229(2)(c) jiġi reż superfluwu."*
(Ara **Digriet ta' tal-14 ta' Lulju, 2020, Rikors Numru 679/19TA fl-ismijiet Kayleigh Mulvayney et -vs-Three Sixty Limited et**).

Dan ifisser għalhekk, li ġaladarba din il-Qorti diġa' ddeċidiet dwar sitwazzjoni prattikament l-istess bħal dik odjerna bil-mod kif spjegat fis-digriet fuq imsemmi ma tistax issa tiddeċiedi mod ieħor għaliex ma tkunx konsistenti mal-pronunzjament tagħha stess.

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qed tiċħad it-talbiet kif kontenuti fir-rikors odjern.

**Imħallef Toni Abela** **Deputat Reġistratur**